// UFFIĊĊJU STAMPA
Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana
Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

27 ta' Marzu 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 42/2008

# STQARRIJA TAL-KUMMISSJONI AMBJENT TA' L-ARĊIDJOĊESI

## L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA), l-Iżvilupp Sostenibbli u r-Responsabbiltà Politika

Kemm ilha mwaqqfa, il-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta dejjem għamlet ħilitha sabiex toffri opinjonijiet ċari dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi ambjentali ta' Malta. Ispirati mill-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-valuri Evanġeliċi, ipprovajna kemm stajna li noffru l-ideat tagħna għad-diskussjoni pubblika dwar x'għandu jkun żvilupp sostenibbli u dwar kif għandna nagħmlu l-għażliet tagħna fuq kwistjonijiet ġenerali (bħall-iżvilupp turistiku u l-immaniġġjar ta' l-iskart) u dawk partikulari (bħall-iżviluppi fil-Wied tal-Kalkara, l-Estensjonijiet taż-Żoni ta' l-Iżvilupp, l-użu ta' l-art, il-kaċċa u l-insib, l-ilma, eċċ). Għamilna dan għax nemmnu bis-sħiħ illi l-ġejjieni tas-soċjetà Maltija (u dan mhux fi kwistjonijiet ambjentali biss) se jiddependi kompletament fuq kemm se jkunu għaqlin l-għażliet tagħna llum … għażliet li se jolqtu lit-tfal tagħna u l-ġenerazzjonijiet ta' għada.

Matul dawn l-aħħar 15-20, sena saru diversi għażliet fundamentali mis-soċjetà tagħna, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu strutturi amministrattivi, ippjanar u liġijiet. Fl-opinjoni tagħna, ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet kienu importanti u pożittivi għall-aħħar, bħal meta twaqqgħu diversi binjiet illegali, iżda oħrajn, bħal meta saru l-estensjonijiet taz-zoni ta' l-iżvilupp (2007), kienu negattivi.

**Prinċipji u valuri fundamentali**

Kif stqarrejna kemm-il darba bħala Kummissjoni, il-prinċipji kollha ta' Żvilupp Sostenibbli jistrieħu fuq ċerti valuri fundamentali li jiżguraw il-ġid komuni ta' soċjetà ta' individwi li jridu jgħixu u jiżviluppaw flimkien. Dawn il-valuri jinkludu: is-solidarjetà, il-ġustizzja, l-impenn li nħarsu l-ġid komuni, is-sinċerità u l-integrità, kif ukoll ir-responsabbiltà ta' għemilu li kull wieħed irid iġorr. Nemmnu ... u għalhekk ta' spiss insemmgħu leħinna fuq hekk ... li, aktar u aktar f'pajjiż Kattoliku bħal Malta, it-tħaddin tal-valuri Evanġeliċi huma ċentrali għas-suċċess ta' dan il-proċess.

Il-Kummissjoni Ambjent tagħżel li ssemma' leħinha minħabba d-dmir li għandha li tkun leħen attiv favur l-ambjent fis-soċjetà Maltija. Il-Kummissjoni, b'responsabbiltà ssostni li hu d-dritt u d-dmir ta' KULL ċittadin li jieħu sehem attiv fil-politika tal-pajjiż mingħajr ma jdallam il-viżjoni u l-ġudizzju tiegħu b'interessi partiġġjani. Għall-grazzja ta' Alla, il-Kummissjoni dejjem żammet ma' dan il-prinċipju f'kull intervent li għamlet.

Madanakollu, ilkoll nafu li, quddiem il-ġid materjali li wieħed jista' jikseb mill-isfruttar tar-riżorsi li joffri pajjiżna, l-individwu jista' jċedi għat-tentazzjoni li jpoġġi l-ġid personali tiegħu u ta' sħabu qabel dak komuni. Kien għalhekk li fl-1992 twaqqfet l-Awtorità għall-Ippjanar (il-PA) li fl-2002 żviluppat fl-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA) li filwaqt li tqis l-ambjent naturali, kulturali u arkitettoniku bħala "*teżor*":

> "... *timpenja ruħha bis-sħiħ sabiex l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art u l-ħarsien ta' l-ambjent jaqdu l-ħtiġiet kemm tal-komunità ta' llum kif ukoll tal-ġejjieni. Qed naħdmu biex niżguraw kwalità ta' ħajja li tkun f'armonija ma' l-ambjent naturali, kulturali u mibni kif ukoll biex nagħtu direzzjoni ta' żvilupp li jħares l-ambjent.*" [1]

Bl-iskop li titrawwem "*f'kulħadd kuxjenża favur l-ambjent*", hu mistenni li dawk li jaħdmu fl-istrutturi tal-MEPA:

> " ... [j]*aħdmu b'għaqal, b'responsabbiltà u b'sens ta' servizz sabiex flimkien, bil-ħila ta' kulħadd, naslu għall-għan aħħari tagħna.*"[1]

Biex tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha, il-MEPA ħasset il-ħtieġa li tibni ħidmietha fuq dawn is-sett ta' valuri:

"• *ĦAQQ u ġustizzja b'deċiżjonijiet f'waqthom u fl-infurzar tagħhom b'effiċjenza u trasparenza.*

- *IMPENN fil-kisba ta' dak li huwa ta' ġid komuni b'rispett lejn il-fehmiet u x-xewqat tas-soċjetà.*
- *PROFESSJONALITÀ billi turi ħila u tagħti kont ta' għemilha.*
- *INTEGRITÀ f'dak kollu li l-Awtorità tgħid u twettaq.*"[1]

Il-MEPA tkompli tistqarr li:

> "*Jekk napplikaw dawn il-valuri b'impenn, inkunu qed naħdmu b'riżq il-ġid komuni, kunċett li jaf in-nisel tiegħu fil-kultura nisranija li dan il-pajjiż iħaddan.*"[1]

Madankollu, ikunu kemm ikunu tajbin l-intenzjonijiet, kull istituzzjoni mmexxija mill-bnedmin tista' titfixkel u tinħakem minn prattiċi li jmorru kontra dawn il-valuri essenzjali biex ikun żgurat il-ġid veru tal-komunità. L-esperjenza storika wrietna li dan ġara anke lill-istess Knisja.

Sfortunatament, jidher li dawn il-valuri fundamentali mhux dejjem ħarġu fid-dieher fl-operat ta' l-Awtorità. Fi Frar ta' l-2002, kien Mons. Arċisqof Ġużeppi Merċieca stess li emfasizza l-bżonn ta' valuri sodi fil-ħarsien tal-wirt ambjentali li jmorru lil hinn mill-gwadann ekonomiku.

> "*Mons. Arċisqof tkellem kif tkellem, b'responsabbiltà sħiħa, għax ried jinkuraġġixxi l-miżuri kollha possibbli, bl-għajnuna ta' dak li tgħallimna l-esperjenza, kien x'kien iż-żmien, biex il-valuri tal-wirt ambjentali ma jispiċċawx fgati mis-saħħa tal-flus.*"[2]

Mons. Arċisqof baqa' jsostni dan kollu anke f'laqgħa li kellu mal-Bord tal-MEPA.[3]

---

[1] Ara: http://www.mepa.org.mt/index.htm?organisation/missionvision/mainpage_maltese.htm&1
[2] Stqarrija maħruġa mill-Uffiċċju Stampa tal-Kurja fit-22 ta' Frar 2002 (32/2002).
[3] Stqarrija maħruġa mill-Uffiċċju Stampa tal-Kurja fit-13 ta' Marzu 2002 (40/2002).

**Tħassib**

Il-Kummissjoni Ambjent tħossha fid-dmir li turi t-tħassib tagħha dwar id-diversi każi, li ssemmew dan l-aħħar, fejn l-operat tal-Bord tal-MEPA u dak tad-DCC (Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp) kien taħt l-iskrutinju ta' l-Awditur ta' l-istess Awtorità.

Dawn il-każi jinkludu dak ta' l-iżvilupp ta' l-Impjant tar-Riċiklaġġ ta' l-Iskart ta' Sant Antnin, Marsaskala; l-iżvilupp ta' supermarket fil-limiti ta' Ħal Safi u dak ta' post għad-divertiment fil-Mistra. Wara li l-Awditur kellu aċċess għad-dokumenti relevanti u investiga l-każi kif xieraq, ikkonkluda li jew il-Bord tal-MEPA jew dak tad-DCC ma kienx mexa kif suppost u li l-għażliet li saru għal dawn l-iżviluppi ma kienux ġustifikati u lanqas magħmula fuq raġunar ċar. Fl-istess waqt, spiss rriżulta li l-uffiċjali tad-dipartimenti konċernati fi ħdan l-Awtorità (dawk ta' l-Ippjanar u ta' l-Ambjent) kienu mxew b'mod rett. Hawnhekk, il-Kummissjoni Ambjent tixtieq tieħu l-opportunità sabiex tirrikonoxxi u tinkoraġġixxi lil dawn l-uffiċjali li qdew dmirhom minkejja kollox. Kienu dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li naqsu minn dmirijiethom. Dawn il-konklużjonijiet ta' l-Awditur għandhom għax jinkwetaw, irrespettivament mit-twemmin politiku tagħhom, lil kull min jgħożż il-wirt ambjentali ta' pajjiżna

Jidher ċar … anke minn dak li qalu l-partiti politiċi kollha … li hemm bżonn ta' tibdil fil-mod ta' kif topera din l-Awtorità. Iżda rridu noqgħodu attenti li dan it-tibdil ma jkunx wieħed kożmetiku biss. Filwaqt li l-Kummissjoni temmen (u titlob) li min jirriżulta li kien ħati ta' deċiżjonijiet ħżiena jindem u jsewwi dak li għamel, xorta tħoss li l-Awtorità trid tirrinforza b'mod radikali l-mekkaniżmi fi ħdanha li jiżguraw il-ħarsien u tħaddim tal-valuri li twaqqfet għalihom: il-ħaqq, l-impenn, il-professjonalità u l-integrità. Dan ifisser li KULL min jirriżulta li kien involut f'abbuż mill-pożizzjoni tiegħu (kien f'liema kariga kien) fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet – kemm jekk ma oġġezzjonax għal dak li kien qed isir jew saħansitra ta l-kunsens tiegħu għal dawn l-abbużi - għandu jinżamm responsabbli ta' għemilu quddiem is-soċjetà u mhux sempliċiment jitneħħa minn kariga u jintbagħat f'oħra qisu qatt ma ġara xejn.

Min għandu r-responsabbiltà politika li jiżgura li din l-Awtorità timxi kif suppost irid jinduna u jieħu azzjoni korrettiva fil-pront. Naturalment, jidher li r-rapporti ta' l-Awditur kienu parti minn dan il-proċess ta' skrutinju u sa hawn nistgħu ngħidu li dan il-proċess ħadem. Madankollu, il-Kummissjoni Ambjent temmen li m'għandniex nieqfu hawn, u f'ġieh it-trasparenza tiddaħħal mingħajr dewmien il-*Whistleblower Act* ... wara li jsir studju serju biex din il-liġi verament tilħaq l-għan tagħha u mhux forsi tispiċċa tkun abbużata.

Irridu niftakru wkoll li sabiex wieħed jasal li jkun responsabbli ta għemilu lejn is-soċjetà, irid jitkompla l-proċess ta' edukazzjoni li qabad tajjeb ħafna maż-żgħar, speċjalment fl-iskejjel tagħna, iżda li għad irid jimmatura sew fost l-adulti f'kull sezzjoni tas-soċjetà, anke f'dawk ta' livell professjonali.

Kif għamlet drabi oħra, il-Kummissjoni Ambjent tixtieq ukoll tiġbed l-attenzjoni dwar aspett ieħor li ripetutament ħareġ mid-diversi rapporti ta' l-Awditur tal-MEPA. Ir-rapporti juru li f'certi każi r-rapporti tekniċi tal-konsulenti, li jkunu tqabbdu mill-iżviluppatur, ma jkunux ħlief apoloġija teknika għall-istess żvilupp aktar mill-analisi oġġettiva tal-proposta. Filwaqt li dan il-kumment ma japplikax għall-każi kollha, xorta jibqa' l-fatt li meta l-konsulenti jintagħżlu u jitħallsu mill-istess żviluppatur ikun hemm il-periklu li xi wħud ma jkunux oġġettivi daqs kemm wieħed jistenna li jkunu ... b'nuqqas ta' etika professjonali u ta' responsabbiltà soċjali. Għalhekk il-Kummissjoni tissuġġerixxi li tkun l-istess Awtorità li tagħżel dawn il-konsulenti (u mhux sempliċiment taċċettahom wara li jintagħżlu mill-

iżviluppatur). Nifmhu li dan is-suġġeriment jista' jikkomplika l-amministrazzjoni, iżda wasal iż-żmien li din l-anomalija tkun indirizzata bis-serjetà kollha.

Punt inkwetanti ieħor li rriżulta mill-istqarrija ta' l-ex-konsulent ta' l-MTA, is-Sur George Micallef dwar il-każ ta' l-iżvilupp propost fil-Mistra (24 ta' Marzu 2008) hu li, minkejja d-diskors kollu li jsir dwar l-iżvilupp sostenibbli, meta l-istess Awtorità tat-Turiżmu tevalwa xi żvilupp turistiku hi tqis biss l-impatt ekonomiku u ma tikkonsidrax impatti oħra, bħal ngħidu aħna l-impatt ambjentali. Jekk dan li ntqal huwa veru, dan ifisser li s-settur turistiku għadu ma fehemx li sabiex ikollok żvilupp sostenibbli fl-industrija tat-turiżmu, jeħtieġ li dan l-iżvilupp jirrispetta, l-ewwel u qabel kollox, il-kwalità tal-prodott turistiku li jkun qed joffri, jiġifieri l-istess ambjent (naturali u soċjali) li t-turisti jkunu jridu jiġu fih[4]. Imma l-aktar ħaġa inkwetanti hi l-mod kif persuni, li jinsabu f'pożizzjonijiet ta' awtorità, jieħdu deċiżjonijiet importanti li fuqhom jiddependi l-futur ta' pajjiżna mingħajr ma jikkonsidraw l-impatt sħiħ tad-deċiżjonijiet tagħhom.

**Suġġerimenti**

Sadanittant, saru diversi suġġerimenti konkreti sabiex il-MEPA terġa' tassigura il-fiduċja tan-nies u sabiex il-ħidma tagħha tkun aktar effiċjenti. Dawn jinkludu:

- is-separazzjoni ta' l-Awtorità fi tnejn: parti li tkun responsabbli għall-ambjent u l-oħra għall-ippjanar;
- il-mod kif jintagħżlu l-membri tal-Bord ta' din l-Awtorità, u lejn min ikun responsabbli dan il-Bord; u
- jerġgħu jkunu eżaminati l-każi riċenti kollha li dwarhom hemm dubji dwar ir-regolarità ta' kif ħarġet l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni Ambjent taqbel ma' kull suggeriment li jwassal sabiex din l-Awtorità, li twaqqfet sabiex tkun il-kustodja tal-wirt ambjentali tagħna, tkun aktar trasparenti u responsabbli lejn il-poplu u l-Parlament li jeliġġi l-istess poplu.

= TMIEM =

[4] Ara Kummissjoni Ambjent, Arcidjocesi ta' Malta. *Opinjoni dwar Turiżmu Sostenibbli*. 17 ta' Mejju 2006. (http://www.maltadiocese.org/file.aspx?f=7857)